# IL-VERGNI MMAKULATA GEWWA SAN JUAN DEL LOS LAGOS MESSIKU.

Fra Miguel de Bolonia, kien wiehed mill-frangiskani ewlenin li dahal fil-Messiku fis-sena 1524. Missjunarju qaddis li tghallem il-lingwi tal-lokal u kien tarka ghall-poplu tal-post kontra l-mohqrija tal-mexxejja spanjoli sa ma miet fis-sena 1580. Ivvjagga minn post ghal iehor jghallem u jibni sa ma l-





Mulej sejjahlu ghal hdejh.

Fis-sena 1542 huwa waqqaf il-villagg ta’ San Gwann Battista de Mezquititlán fejn bena’ sptar u kappella li fiha pogga statwa gholja nofs metru, ta’ Marija Mmakulata ghall-qima tal-fidili.

Fis-sena 1623 xi artisti tac-cirklu gabu l-gisem ta’ binthom biex jidfunha fil-kappella ta’ San Gwann.

Iz-zaghzugha waqghet waqt li kienet tippratika fuq xi xfafar wieqfa fl-art biex jaghmlu l-wirja aktar perikoluza u allura eccitanti. L-ufficjal responsabbli, mara anzjana jisimha Ana Lucia, poggiet l-istatwa fuq sider it-tfajla u l-mara hadet il-hajja. Missierha ha din l-istatwa



lejn Guadajara biex tkun restawrata. U minn dak in-nhar ‘l quddiem il-fama tas-santwarju xterdet u sehhew hafna mirakli.

Sandanit-tant, il-belt biddlet isimha ghal San Juan de los Lagos. Knisja gdida giet mibnija u ohra  b’din ta’ l-ahhar tkun aktar kbira u xierqa ghal Marija Mmakulata. Fit-30 ta’ Novembru, 1769, l-istatwa giet kustodita fit-tielet knisja li llum hija Bazilka.



San Juan de los Lagos jorganizza fiera bhala kommemorazzjoni lejn it-30 ta’ Novembru b’festi li jibqghu sejrin sat 8 ta’ Dicembru, Festa ta’ Marija Mmakulata. Ic-celebrazzjoni tant saret storbjuza u mundana li l-gerarkija ddecidiet li tmexxi il-festa tal-Vergni ta’ San Juan de los Lagos ghat- 2 ta’ Frar, festa tal-Kandlora. Din il-festa evolviet f’xahar ta’ celebrazzjonijiet, pellegrinaggi tal-massa lejn is-Santwarju mill-Messiku kollu, imma t-8 ta’ Dicembru xorta wahda hija osservata, kif ukoll il-jum tal-15 ta’ Awissu, festa ta’ l-Assunzjoni.

Wara s-Sinjura ta’ Guadalupe, is-Santwarju ta’ San Juan de los Lagos huwa l-aktar Santwarju li jkollu zjajjar minn nies fidili u turisti.